# Bejn tifel—missieru msiefer—u Ġojjin

(*ĦRAFA*)

"Ġojjin ħabibi, moħbi taħt werqa
narak tittawwal b'għajnejk tiflini,
bil-ħarsa tiegħek li tixħet b'serqa
donnok xi ħaġa trid tistaqsini.......

Għasfur ħabibi li dejjem sejjer
minn siġra għal oħra tgħanni u tittajjar,
nisimgħek tgħanni tgħidli l-istejjer,
narak titqâbeż tilgħab imħajjar,

trid, jaqaw, miegħi fil-logħ'b tissieħeb?—
Iċċaqlaq denbek, timsaħ munqarek,
tixtieq li tiegħek inkun is-sieħeb
imżejjen kollni bil-ħafif xagħrek?—

Kemm nagħmel ħwejjeġ li kieku bħalek
jien kelli l-ġwienaħ; flimkien intiru,
u l-ewwel ħaġa teħodni nġagħlek
f'art bogħod minn Malta biex ħbieb insiru.

Kemm xtaqt ikolli da'l ġwienaħ tiegħek,
miegħek nittajjar sa fejn missieri ;
mat-tieqa nħabbat il-ġwienaħ miegħek,
nidħol nistaħba wara l-purtieri.

Imbagħ'd jien noqgħod nittawwal sieket,
nara l' missieri jitgħaxxaq bija
fir-ritratt ċkejken, jew narah rieqed
joħlom bid-daħka fuq fommu għalija......

Mas-sebħ fil-għodu, bil-ħlewwa l-ħlewwa,
nolqtu bil-ġwienaħ! lil xofftu nbus....
Oh kemm jistagħġeb, kos għidli s-sewwa ;
bil-ferħ jagħtini kemm irrid flus!"

Wieqaf jisimgħu lit-tfajjel qagħdlu
il-ġojjin għaqli jixtarr u jiżen....
kull nifs u kelma minn fommu ħadlu :
urieh bil-ħarsa li tah xi widen.

Beda biex samma' zekzika sħiħa,
imbagħ'd qal: "Twila, bogħ'd ħafna t-trieq;
ibni, it-trieq twila; tibqa' bir-riħa,
u t-tarf le tasal bħalma tixtieq"—

Raġa' imbagħ'd zekzek; siket ħosbien,
għajnejh ikemmex: "Biċċa tal-ħsieb ;
se tagħmel" qallu, "għar-rqad, l-għajxien ?—
Logħbok taħsibha; ngħidlek ta' ħbieb."

"Ja ġojjin sieħbi la tħabbelx rasek ;
tgħidilna n-nanna: nidħlu fl-egħrejjex,
bil-lejl fuq siġra nistrieħu, u nagħsek
ma' nagħsi qiegħed; ngħixu bil-ħxejjex."

"Jewwilla n-nanna f'rasek deffsitlek"—
dlonk l-għasfur wieġbu—"din il-ħmerija?—
Fuq dawn il-ħwejjeġ flok ma ħarrfitlek
u għall-ġwienaħ qalbek b'xewqat timlieha ;

jien naħseb, ibni, aħjar in-nanna
tgħallmek tħożż ittra qagħdet ftit ħdejk,
Flok b'dawn il-ġwienaħ noqgħod nitqanna,
dan li kont nagħmel, li kelli idejk."

A. C.